



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2020
COM(2020) 37 final

ANNEXES 1 to 5

ANNESSI

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020

Unjoni li tirsisti għal aktar

Anness I: Inizjattivi godda¹

Nru	Objettiv ta' politika	Inizjattivi
Patt Ekoloġiku Ewropew		
1.	Il-Patt Ekoloġiku Ewropew	Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2019); Liġi Ewropea dwar il-Klima li tonqox fiha l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050 (leġiżlazzjoni, l-Artikolu 192(1) TFUE, Q1 2020); Il-Patt Klimatiku Ewropew (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020)
2.	Finanzjament tat-tranżizzjoni sostenibbli	Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (leġiżlazzjoni, l-Artikolu 175 tat-TFUE, Q1 2020); Strateġija Mġedda għal Finanzi Sostenibbli (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020); Rieżami tad-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
3.	Kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-COP26 fi Glasgow	Pjan ta' Mira dwar il-Klima 2030 (mhux leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt, Q3 2020); Strateġija Ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020) Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020);
4.	Sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel	Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020);
5.	Dekarbonizzazzjoni tal-enerġija	Strateġija għal integrazzjoni tas-settur intelliġenti (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020) Mewġa ta' Rinnovazzjoni (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020); Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
6.	Produzzjoni u konsum sostenibbli	Pjan ta' Azzjoni Ġdid għal Ekonomija Ċirkolari (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Nagħtu s-setgħa lill-konsumatur għat-tranżizzjoni ekoloġika (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
7.	Ħarsien tal-ambjent tagħna	Strateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2030 (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (leġiżlazzjoni, l-Artikolu 192(3) TFUE, Q2 2020); Strateġija għas-sostenibbiltà tas-sustanzi kimiċi (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020)

¹ F'dan l-Anness il-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni, sakemm din tkun disponibbli, dwar l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tagħha, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Din l-informazzjoni, li hija pprovduta f'parentesi taħt id-deskrizzjoni ta' kull inizjattiva, hija biss indikattiva u soġġetta għal tibdil matul il-proċess ta' thejġija, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-eżitu ta' proċess ta' valutazzjoni tal-impatt.

Nru	Objettiv ta' politika	Inizjattivi
8.	Mobbiltà sostenibbli u intelliġenti	Strateġija għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020) ReFuelEU Avjazzjoni - Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli (leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 100(2) TFUE u/jew l-Artikolu 192(1) TFUE, Q4 2020); FuelEU Marittimu - Spazju Marittimu Ekoloġiku Ewropew (leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 100(2) TFUE u/jew l-Artikolu 192(1) TFUE, Q4 2020);
Ewropa Adattata għall-Era Diġitali		
9.	Ewropa Adattata għall-era diġitali	Strateġija għall-Ewropa - Lesta għall-Era Diġitali (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (aġġornament) (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020)
10.	Approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali	White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Strateġija Ewropea għad-Data (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020) Segwitu għall-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż is-sikurezza, ir-responsabbiltà, id-drittijiet fundamentali u d-data (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
11.	Servizzi Diġitali	Att dwar is-Servizzi Diġitali (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
12.	Inżidu ċ-ċibersigurtà	Rieżami tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni (id-Direttiva dwar iċ-Ċibersigurtà) (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
13.	Prodotti u servizzi diġitali għall-konsumaturi	Ċarġers komuni għat-telefowns ċellulari u apparat simili (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q3 2020); Rieżami tar-Regolament dwar ir-Roaming (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
14.	Strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa	Strateġija Industrijali (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Rapport dwar l-Ostakoli għas-Suq Uniku (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tas-Suq Uniku (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Strateġija għall-SMEs (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); White Paper dwar Strument dwar is-Sussidji Barranin (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020);
15.	Pakkett dwar is-servizzi tal-avjazzjoni	Reviżjoni tal-imposti tal-ajruporti (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 100(2) TFUE, Q4 2020); Reviżjoni tal-għoti tas-servizzi tal-ajru (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 100(2) TFUE, Q4 2020)
16.	Lejn Żona Ewropea tar-Riċerka	Komunikazzjoni dwar il-Futur tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Komunikazzjoni dwar il-missjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)

Nru	Objettiv ta' politika	Inizjattivi
17.	Finanzi diġitali	Pjan ta' Azzjoni dwar il-FinTech inkluż Strateġija dwar Suq Integrat tal-Pagamenti tal-UE (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020); Proposta dwar il-Kriptoassi (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q3 2020); Att dwar is-servizzi finanzjarji transsettorjali dwar ir-reżiljenza operazzjonali u ċibernetika (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q3 2020)
Ekonomija għas-Servizz tan-Nies		
18.	Ewropa Soċjali	Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Pagi minimi ġusti għall-ħaddiema fl-UE (mhux leġiżlazzjoni, l-Artikoli 153(1)b, 153(2) u 154 TFUE, Q1/Q3 2020); Nirrinforzaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Skema Ewropea tar-Riassigurazzjoni għall-Qgħad (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, Q4 2020);
19.	Governanza Ekonomika	Rieżami tal-Qafas ta' Governanza Ekonomika (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020)
20.	Approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali	Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020); Rieżami tal-qafas regolatorju għad-ditti tal-investment u għall-operaturi tas-suq (MiFIDII u MiFIR), inkluż it-twaqqif ta' tape konsolidat tal-UE (leġiżlazzjoni inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikoli 53(1) u 114(1) TFUE, Q3 2020); Rieżami tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114(1) TFUE, Q3 2020)
21.	Tlestija tal-Unjoni Bankarja	Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikoli 114 TFUE (CRR) u 53 TFUE (CRD), Q2 2020);
22.	Tassazzjoni effettiva	Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21 (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u biex it-tassazzjoni ssir sempliċi u faċli (leġiżlazzjoni u mhux leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikoli 113 u 115 tat-TFUE, Q2 2020)
23.	Pakkett dwar l-Unjoni Doganali	Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni Doganali (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Proposta dwar it-Tieqa Unika Doganali (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikoli 33 u 114 TFUE, Q3 2020)
Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja		
24.	Kooperazzjoni internazzjonali	Firma u konklużjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (leġiżlazzjoni, l-Artikolu 217 u 218 TFUE, Q3 2020)
25.	Sovranità finanzjarja	Tisħiħ tas-Sovranità Ekonomika u Finanzjarja tal-Ewropa (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020)
26.	Strateġija għall-Afrika	Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020)

Nru	Objettiv ta' politika	Inizjattivi
27.	Tkabbir	Tisħiħ tal-proċess ta' adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Żieda fl-interazzjoni tagħna mal-Balkani tal-Punent – Il-kontribut tal-Kummissjoni għas-Summit UE-Balkani tal-Punent (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020)
28.	Sħubija tal-Lvant	Sħubija tal-Lvant wara l-2020 (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020)
29.	Drittijiet tal-Bniedem, Demokrazija u Ugwaljanza bejn il-Ġeneri	Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-2024) (leġiżlazzjoni u mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa fir-Relazzjonijiet Esterni għall-2021-2025 (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
30.	Riforma tad-WTO	Inizjattiva ta' riforma tad-WTO: (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew tagħna		
31.	Trawwim tal-ħiliet, l-edukazzjoni u l-inklużjoni	Aġenda aġġornata tal-Ħiliet għall-Ewropa (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020); Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
32.	Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil	Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-proposti legali li jakkumpanjawh (mhux leġiżlazzjoni u leġiżlazzjoni, l-Artikolu 78 u 79 TFUE, Q1 2020);
33.	Trawwim tas-sigurtà tal-Ewropa	Strateġija ġdida għall-Unjoni tas-Sigurtà (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Tisħiħ tal-mandat tal-Europol (leġiżlazzjoni, l-Artikolu 88 TFUE, Q4 2020); Proposta għal miżuri addizzjonali dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, Q4 2020); Strateġija ġdida tal-UE għall-Eradikazzjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020) Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020)
34.	Protezzjoni tas-saħħa	Pjan Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Kanċer (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020); Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
Spinta ġdida għad-Demokrazija Ewropea		
35.	Aġenda tal-Konsumaturi	Aġenda ġdida tal-Konsumaturi (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
36.	Inderizzar tal-impatt tat-tibdil demografiku	Rapport dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020); Green Paper dwar it-Tixjiħ Attiv (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)

Nru	Objettiv ta' politika	Inizjattivi
37.	Inizjattivi dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni	Strateġija Ewropea għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020), segwita minn miżuri ta' trasparenza fil-pagi vinkolanti (leġiżlazzjoni, inkluż valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 157 tat-TFUE, Q4 2020); Strateġija għall-Ugwaljanza tal-LGBTI (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020); Qafas tal-UE wara l-2020 dwar Strateġiji għall-Ugwaljanza u l-Inklużjoni tar-Rom (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020)
38.	Demokrazija	Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Demokrazija (leġiżlazzjoni u mhux leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt; l-Artikoli 224 u 114 TFUE, Q4 2020)
39.	Ġejjieni tal-Ewropa	Tfassil tal-Konferenza dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa (mhux leġiżlazzjoni, Q1 2020)
40.	Stat tad-Dritt	Rapport Annwali tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt (mhux leġiżlazzjoni, Q3 2020)
41.	Drittijiet fundamentali	Strateġija Ġdida għall-Implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (mhux leġiżlazzjoni, Q4 2020); Strateġija tal-UE għad-Drittijiet tal-Vittmi (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020); Allinjament tar-regoli rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni tad-data (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020)
42.	Tfassil Aħjar tal-Liġijiet	Komunikazzjoni dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020)
43.	Prospettiva	Rapport Annwali tal-2020 ta' Prospettiva (mhux leġiżlazzjoni, Q2 2020)

Anness II: Inizjattivi REFIT²

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
Patt Ekoloġiku Ewropew		
1.	Evalwazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni (li jinsab fir-Regolament uniku tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS), id-“Direttivi Breakfast” u l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-OKS)	L-evalwazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni se tgħin biex tiġi vvalutata l-koerenza bejn id-diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni kif ukoll biex jiġi identifikat il-potenzjal għas-simplifikazzjoni. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni jistgħu jservu bħala bażi għar-riflessjoni dwar il-ħtieġa għall-bidliet regolatorji relatati mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni.
2.	Evalwazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti protetti fl-UE	L-evalwazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti se tgħin biex tiġi vvalutata l-koerenza bejn id-diversi biċċiet tal-qafas legali għall-iskemi ta' kwalità tal-UE u se tagħti l-opportunità li titqies il-ħtieġa għat-titjib tagħha (modernizzazzjoni, simplifikazzjoni u standardizzar). Ir-riżultati tagħha jistgħu jservu bħala bażi għar-riflessjoni dwar il-ħtieġa għall-bidliet regolatorji relatati mal-iskemi ta' kwalità tal-UE.
3.	Reviżjoni tal-Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajjnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra wara l-2020	L-Istati Membri jistgħu jikkumpensaw lil xi utenti elettrointensivi għal parti mill-ispejjeż oġġjal tal-elettriku li jirriżultaw mill-iskema tal-UE ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. L-objettiv ta' dan il-kumpens huwa li jiġi minimizzat ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li jimmaterjalizza ruħu meta l-ispejjeż tal-emissjonijiet jikkawżaw rilokazzjoni mill-UE lejn pajjiżi terzi mingħajr restrizzjonijiet paragonabbli. Ir-regoli eżistenti li jippermettu l-kumpens se jiġu riveduti biex jiġi żgurat li dawn ikunu adattati għall-iskema l-ġdida ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2030. (mhux leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt, Q4 2020)
4.	Reviżjoni tar-Regolament tan-Netwerks Trans-Ewropej tal-Enerġija (TEN-E)	Din l-inizjattiva se tiżgura li r-Regolament TEN-E jkun kompletament konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-objettivi fit-tul tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni filwaqt li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-settur u tas-suq, għas-sigurtà tal-provvista u għall-kompetizzjoni. (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikoli 170-171 TFUE, Q4 2020)
5.	Evoluzzjoni tad-Direttiva 2011/65/KE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ROHS)	L-evalwazzjoni tad-Direttiva ROHS se tivvaluta l-effettività u l-effiċjenza tagħha f'dak li jirrigwarda l-proċedura għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet għas-sustanzi u l-ġħoti ta' eżenzjonijiet mir-restrizzjonijiet. Se tivvaluta wkoll il-koerenza tagħha ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE u r-rilevanza tagħha għaliha, b'mod partikolari, fid-dawl tal-evalwazzjonijiet tar-REACH u tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn.

² Dan l-anness jistabbilixxi r-reviżjonijiet, l-evalwazzjonijiet u l-Kontrolli tal-Idoneità l-aktar sinifikanti li se twettaq il-Kummissjoni, inkluż ix-xogħol ta' evalwazzjoni biex isegwi l-Opinjoni tal-Pjattaforma REFIT. Dawn se jiġu finalizzati sa tmiem l-2020.

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
6.	Evalwazzjoni tad-Direttiva 2000/53/UE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ELV)	L-evalwazzjoni tad-Direttiva ELV se tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, u l-koerenza tagħha ma' leġislazzjoni oħra u r-rilevanza tagħha fid-dawl tal-objettivi usa' ta' politika dwar l-ekonomija ċirkulari, il-plastik, l-effiċjenza fir-riżorsi, il-materja prima, eċċ.
7.	Evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (IED)	L-evalwazzjoni tad-Direttiva IED se tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, il-valur miżjud tal-UE, il-koerenza ma' leġislazzjoni oħra u r-rilevanza tagħha biex tindirizza sorsi (agro)industrijali importanti ta' tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija.
8.	Kontroll tal-idoneità tar-regoli tal-UE kontra qtugħ illegali tas-siġar għall-injam (ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 u r-Regolament FLEGT tal-UE (KE) Nru 2173/2005)	Il-kontroll tal-idoneità se jivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE taż-żewġ regolamenti għall-kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali ta' siġar madwar id-dinja. It-tagħlimiet meħuda mill-injam se jkunu utli għall-valutazzjoni ta' miżuri min-naħa tad-domanda għal komoditajiet oħra.
9.	Reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Batteriji	Kif ġie konkluż mill-evalwazzjoni/mir-rapporti ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji, jenħtieġ li r-reviżjoni jkollha l-għan li tqis aħjar iċ-ċirkolarità, ittejjeb is-sostenibbiltà u żżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi. Dan huwa previst ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni Strateġika għall-Batteriji. Wara l-konklużjonijiet tar-rapporti dwar id-Direttiva, l-inizjattiva se timmodifika d-Direttiva jew se titħejja proposta għal Regolament ġdid li jħassar id-Direttiva, biex tinkludi notevolment ir-rekwiżiti ta' tmiem il-ħajja u ta' sostenibbiltà. (leġislazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt; Q4 2020)
10.	Kontroll tal-Idoneità dwar il-leġislazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-interferenti endokrinali	L-interferenti endokrinali huma sustanzi li jbiddu l-funzjonament tas-sistema endokrinali (ormonali) u jaffettwaw ħażin is-saħħa tal-bnedmin jew tal-annimali. Diversi miżuri tal-UE jirregolaw dawn is-sustanzi. Il-kontroll tal-idoneità se jivvaluta jekk dawn il-miżuri jiksbox l-objettiv ġenerali li jħarsu s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Se jivvaluta l-koerenza, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tal-leġislazzjoni tal-UE, b'enfasi fuq il-koerenza fi ħdan l-acquis dwar is-sustanzi kimiċi.
11.	Reviżjoni tar-Regolament dwar l-Istandards tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għas-sajd u għall-prodotti tal-akkwakultura fl-UE	Din ir-reviżjoni se tissimplifika l-istruttura legali: Regolament (UE) wieħed se jissostitwixxi tliet regolamenti li bħalissa jkopru wkoll il-prodotti tal-akkwakultura, it-trasparenza u l-informazzjoni lill-konsumaturi. (leġislazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 43 TFUE, Politika Komuni tas-Sajd, Q4 2020)
12.	Evalwazzjoni tar-Regolament 913/2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (Regolament dwar il-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija)	Iż-żieda fit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija hija element ewlieni tal-politika tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-CO ₂ mit-trasport, iżda din qed tiffaċċja diffikultajiet. Ir-Regolament dwar il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija għandu l-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni u l-kordinazzjoni fost għadd ta' kurituri b'potenzjal partikolari għall-iżvilupp tat-trasport ferrovjarju internazzjonali. Ir-Regolament (UE) 913/2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv daħal fis-seħħ fl-2010 u ġew stabbiliti disa' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, b'żewġ kurituri oħra li żdiedu aktar tard. L-għan ta' din l-evalwazzjoni huwa li tippovdi ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament kif ukoll valutazzjoni tal-effetti tiegħu. Se jkun utli li jiġi determinat liema azzjoni ulterjuri hija meħtieġa fil-livell tal-UE biex tingħata spinta lit-trasport ferrovjarju.

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
13.	Evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi	Din l-evalwazzjoni se tħares, fost affarijiet oħra, lejn il-progress li kisbet id-Direttiva fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-pestiċidi u biex tistimola l-adozzjoni ta' alternattivi b'riskju baxx u mhux kimiċi għall-pestiċidi. Se jitqies ukoll il-potenzjal ta' simplifikazzjoni, pereżempju dwar ir-regoli għall-ispezzjoni ta' tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi u regoli ġodda dwar il-kontroll uffiċjali.
14.	Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Benessri tal-Annimali (2012–2015)	Din l-evalwazzjoni se tħares lejn il-punt sa fejn l-Istrateġija tal-UE għall-Benessri tal-Annimali kkontribwiet biex jiġi ssimplifikat il-qafas tal-UE għall-benessri tal-annimali u lejn il-lok li fadal għal simplifikazzjoni, fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet f'dan il-qasam.
15.	Evalwazzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-livelli massimi ta' residwu għall-pestiċidi	Din l-evalwazzjoni tkopri l-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-Regolament 1107/2009 dwar il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u r-Regolament 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu fl-Istati Membri kollha mill-applikazzjoni tagħhom f'Ġunju 2011 u f'Settembru 2008, rispettivament. Tipproponi modi possibbli biex tittejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament sabiex jiġi ssimplifikat jew jissaħħa il-qafas regolatorju attwali, pereżempju biex jiġi indirizzat dewmien u tiżdied it-trasparenza, tittejjeb is-sistema żonali għall-awtorizzazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet, tiġi promossa l-protezzjoni sostenibbli tal-pjanti, is-soluzzjonijiet b'riskju baxx u l-mitigazzjoni effiċjenti tar-riskju, kif ukoll biex tiżdied il-koerenza u l-konsistenza bejn ir-Regolament u leġislazzjoni oħra tal-UE. L-evalwazzjoni tħares ukoll lejn il-kwistjonijiet li qamu fl-Opinjoni XI.10.a tal-Pjattaforma REFIT dwar sustanzi b'użu multiplu/b'sors multiplu – il-Klorat li ġiet adottata fis-7/6/2017 u fl-Opinjoni XI.22.a tal-Pjattaforma REFIT dwar ir-reġistrazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – li ġiet adottata fl-14/03/2019.
16.	Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel fir-rigward ta' profili nutrittivi u stqarrijiet dwar is-saħħa għall-pjanti u preparati tagħhom u tal-qafas regolatorju ġenerali għall-użu tagħhom fl-ikel	Din l-evalwazzjoni tħares lejn il-kwistjoni mqajma mill-Opinjoni XI.11.a-b tal-Pjattaforma REFIT dwar it-twaqqif ta' profili nutrittivi. L-evalwazzjoni vvalutat l-impatti tas-sitwazzjoni attwali (fejn ma jeżistu l-ebda profili nutrittivi fil-livell tal-UE). Tħares lejn jekk il-profil nutrittivi għadhomx adatti għall-iskop tagħhom, meħtieġa u adegwati biex jiżguraw l-objettivi tar-Regolament dwar it-Talbiet. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni huma mistennija wkoll li jindirizzaw il-kwistjonijiet imqajma fuq id-Direttiva dwar il-Prodotti Mediċinali Erbali Tradizzjonali min-negozji, kif inkluż fl-Opinjoni Xi.6.a-b tal-Pjattaforma REFIT .
17.	Evalwazzjoni tal-Materjali li jiġi f'Kuntatt mal-Ikel	Din l-evalwazzjoni tiskrutinizza l-aspetti kollha tal-leġislazzjoni attwali tal-UE dwar il-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel, inkluż l-effettività tad-dikjarazzjoni ta' konformità, li attwalment hija meħtieġa għal miżuri speċifiċi fil-livell tal-UE. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tqis jekk humiex meħtieġa aktar miżuri fil-livell tal-UE, inkluż kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet differenti bħal dik imqajma mill-Opinjoni XI.1a tal-Pjattaforma REFIT , li tirrakkomanda rekwiżit Ewropew komuni għal dikjarazzjoni ta' konformità għat-tipi kollha ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
18.	L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità	Is-Servizzi ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) jagħmlu użu mit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) biex jappoġġjaw is-sikurezza, l-effiċjenza u l-ħarsien ambjentali tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni. Id-Direttiva RIS tippovdi qafas għar-rekwiżiti minimi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-forniment u l-implimentazzjoni tar-RIS biex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni, l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà transfruntieri tas-sistemi tar-RIS tal-Istati Membri għall-passaġġi fuq l-ilma tal-klassi IV jew ogħla. L-evalwazzjoni tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva u lejn l-iżviluppi organizzattivi u teknoloġiċi riċenti tas-settur, b'mod partikolari tat-teknoloġiji diġitali. Tivvaluta wkoll l-oqsma potenzjali għas-simplifikazzjoni fil-proċess li permezz tiegħu l-aġġornamenti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi skont id-Direttiva qed jiġu konċepiti.
Ewropa Adattata għall-Era Diġitali		
19.	Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ir-Regolament eIDAS)	Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Lulju 2020, kif mitlub mill-Artikolu 49 tar-Regolament. Ir-rapport se jivvaluta l-punt sa fejn il-qafas eIDAS għadu adattat għall-iskop tiegħu li jikseb l-eżiti, ir-riżultati u l-impatti maħsuba u jista' jidentifika azzjonijiet ulterjuri possibbli biex tittejjeb il-prestazzjoni regolatorja. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni f'konformità mal-linji gwida għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li se tinvolvi wkoll konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati pubblika u mmirata.
20.	Rieżami tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband (id-Direttiva 2014/61/UE)	Ir-rieżami għandu l-għan li jnaqqas piż amministrattiv mhux meħtieġ u għali, li jista' jiskoraġġixxi u jdedwem b'mod sinifikanti l-installazzjoni tan-netwerks. Għandu l-għan li jkompli jtejjeb il-miżura attwali billi jissimplifika l-permessi u l-proċeduri jew billi jagħmel ix-xogħol tal-inġinerija aktar flessibbli billi jtejjeb il-koordinazzjoni ma' infrastrutturi oħrajn (it-toroq, l-enerġija, eċċ.). Dan jista' jirrappreżenta opportunità importanti għal leġislazzjoni ġdida biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi ġenerali fis-settur.
21.	Rieżami tar-Regolament dwar is-suq intern u l-kummerċ elettroniku transfruntier (Imblukkar Ġeografiku)	Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sat-23 ta' Marzu 2020, kif mitlub mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 302/2018. Il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt ġenerali tar-Regolament fuq is-suq intern u l-kummerċ elettroniku transfruntier, inkluż, b'mod partikolari, il-piż amministrattiv u finanzjarju addizzjonali potenzjali għan-negozjanti li jirriżulta mill-eżistenza ta' reġimi legali regolatorji differenti applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-konsumaturi.
22.	Reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali (2011/711/UE)	L-evalwazzjoni li għaddejjja tivvaluta wieħed mill-istrumenti ta' politika ewlenin dwar id-diġitizzazzjoni, l-aċċess fuq l-internet u l-konservazzjoni diġitali ta' materjal ta' wirt kulturali bl-objettiv li jinġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar aġġornament possibbli biex jirrifletti aħjar il-ħtiġijiet pubbliċi tal-lum f'dan il-qasam, u jizjed il-potenzjal tal-wirt kulturali tal-Ewropa għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Ir-reviżjoni se tħares lejn dawn l-aspetti f'konformità max-xejriet attwali tat-teknoloġija u l-ħtiġijiet tas-settur.

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
23.	Kontroll tal-idoneità tal-pakkett ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-2012, il-linji gwida ferrovjarji u l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni	Minħabba l-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, illum, 96 % tal-miżuri ta' għajnuna implimentati ġodda jinsabu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Dan jippermetti implimentazzjoni aktar rapida mill-Istati Membri u l-enfasi tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ikun aktar "kbir fuq l-affarijiet il-kbar u żgħir fuq l-affarijiet iż-żgħar". Il-kontroll tal-idoneità li għaddej ifittex, fost affarijiet oħra, li jivvaluta l-punt sa fejn ir-reġim attwali kkontribwixxa biex ikun hemm tnaqqis fil-piż amministrattiv u jekk hemmx potenzjal ulterjuri ta' standardizzar u simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
24.	Evalwazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali	L-evalwazzjoni li għaddejja tar-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali u l-Linji Gwida dwar ir-Restrizjonijiet Vertikali tfittex li tivvaluta notevolment il-punt sa fejn ir-reġim attwali laħaq l-objettiv tiegħu li jipprovdi sfera ta' sikurezza għal ftehimiet vertikali li b'mod ġenerali jtejbu l-effiċjenza, u b'hekk joħlqu ċertezza tad-dritt u tnaqqis fil-kostijiet tal-konformità għall-partijiet ikkonċernati. Dan jinkludi l-identifikazzjoni ta' oqsma li fihom ir-reġim attwali jista' ma jirriflettix b'mod xieraq żviluppi tas-suq ġodda kif ukoll nuqqasijiet possibbli, li jistgħu jkunu riżultat ta' inċertezza tad-dritt, inkonsistenzi fl-infurzar tar-regoli vertikali fi Stati Membri differenti tal-UE u għaldaqstant żieda fil-kostijiet tal-konformità għall-partijiet ikkonċernati.
25.	Evalwazzjoni tal-aspetti proċedurali u ġurisdizzjonali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE	L-evalwazzjoni li għaddejja tiffoka fuq is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija żejda fejn dan ikun xieraq, l-istandardizzar tas-sistema ta' riferiment u titjib ieħor ta' natura teknika. Barra minn hekk, fid-dawl tad-dibattitu riċenti dwar l-effettività tal-limiti ġurisdizzjonali tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet Ibbażati purament fuq il-fatturat, l-evalwazzjoni tfittex ukoll li tivvaluta jekk dawn jippermettux li jinqabdu t-tranżazzjonijiet kollha, li jista' jkollu impatt fis-suq intern.
26.	Modifikazzjoni mmirata tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa fir-rigward tal-programmi ta' finanzjament tal-UE	Il-Kummissjoni għandha l-għan li timmodifika r-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa b'mod immirat li jakkumpanja l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-proposta se tiżgura li l-finanzjament nazzjonali, mill-fondi tal-Istati Membri jew mill-Fondi SIE ġestiti fil-livell nazzjonali, u l-fondi tal-UE ġestiti ċentralment jistgħu jintużaw flimkien bla xkiel f'dawn l-oqsma: fi prodotti finanzjarji appoġġjati mill-Fond InvestEU; fi proġetti RŻI b'Siġill ta' Eċċellenza taħt Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, kif ukoll proġetti kofinanzjati u azzjonijiet ta' timijiet taħt Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa; u fi proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea. (Q3 2020)
27.	Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Konsorzji (eżenzjoni mill-Artikolu 101 TFUE għal ċerti tipi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni fost l-operaturi ta' kontejners marittimi	L-estensjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Konsorzji attwali għal erba' snin oħra se tkompli tissimplifika l-analiżi tal-konformità tal-konsorzji mar-regoli tal-kompetizzjoni, tillimita d-dipendenza fuq pariri esterni u tnaqqas il-kostijiet legali. It-tieni trimestru 2020
28.	Evalwazzjoni tad-Direttiva 2014/35/UE dwar il-Voltaġġ Baxx	Id-Direttiva dwar il-Voltaġġ Baxx (LVD) tiżgura li t-tagħmir elettriku f'ċerti limiti tal-voltaġġ jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni liċ-ċittadini Ewropej, u jibbenefika bis-sħiħ mis-suq uniku. Din ilha applikabbli mill-20 ta' April 2016. L-iskop ta' din l-evalwazzjoni huwa li tivvaluta jekk id-Direttiva hijiex adatta għall-iskop tagħha f'termini ta' effettività, effiċjenza, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE. Abbażi tal-konklużjonijiet dwar il-prestazzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tevalwa liema jistgħu jkunu l-passi meħtieġa li jmiss biex tittejjeb il-prestazzjoni tad-Direttiva.

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
29.	Evalwazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE dwar is-Servizzi Postali	Is-settur postali għaddej minn tibdil sostanzjali minħabba d-diġitalizzazzjoni. Id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (97/67/KE) tmur lura għall-1997 u ġiet riveduta fl-2002 u fl-2008. Ir-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva se jkun akkumpanjat minn evalwazzjoni biex jiġi vvalutat jekk id-Direttiva għadhiex adattata għall-iskop tagħha u għall-futur.
30.	Evalwazzjoni tad-“Definizzjoni ta’ SME”	L-ambitu ta’ din l-inizjattiva huwa r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (2003/361/KE). Tistabbilixxi l-kriterji biex tiddetermina jekk intrapriża hijiex SME (jiġifieri n-numru tal-persunal, il-fatturat/it-total tal-karta tal-bilanċ u l-indipendenza) u ilha tiġi applikata mill-01/01/2005 meta ssostitwiet ir-Rakkomandazzjoni 96/280/KE. Billi r-Rakkomandazzjoni ssir referenza għaliha f’aktar minn 100 att legali tal-UE li jkopru firxa wiesgħa ta’ politiki tal-UE bħall-għajnuna mill-Istat, is-sostitut tagħha jrid jindirizza wkoll dawk ir-referenzi.
31.	Reviżjoni tad-Direttiva 2006/42/KE dwar il-Makkinarju	L-inizjattiva għandha l-għan li: i) tindirizza r-riskji li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda filwaqt li jippermettu progress tekniku, ii) tissimplifika r-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni billi tippermetti formati diġitali, u b’hekk tnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi, b’impatt pożittiv addizzjonali fuq il-kostijiet ambjentali, iii) ittejjeb iċ-ċarezza ġuridika ta’ wħud mill-kunċetti u d-definizzjonijiet ewlenin fit-test attwali tad-Direttiva, iv) tiżgura l-koerenza ma’ Direttivi u Regolamenti oħrajn għall-prodotti u ttejjeb l-infurzar tal-leġiżlazzjoni permezz tal-allinjament mal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid, v) tnaqqas il-kostijiet tat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali billi tikkonverti d-Direttiva f’Regolament. (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
32.	Evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinn	L-iskop tal-evalwazzjoni huwa li jiġi analizzat il-punt sa fejn il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinn laħqet l-objettivi tagħha f’termini ta’ effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE, u għandha tagħti indikazzjonijiet ċari tal-livell sa fejn dik il-leġiżlazzjoni għadha titqies bħala adatta għall-iskop tagħha. L-evalwazzjoni għandha tidentifika l-opportunitajiet għall-istandardizzar tal-proċeduri ta’ regiżtrazzjoni bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni sempliċi tal-protezzjoni tad-disinn fl-UE bi tnaqqis potenzjali tal-kostijiet u tal-piżijiet amministrattivi għall-benefiċċju tan-negozji, tad-disinjaturi u tal-SMEs.
33.	Evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE dwar il-Liċenzji tas-Sewqan	L-evalwazzjoni <i>ex post</i> se tivvaluta l-prestazzjoni tad-Direttiva għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq, il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu u t-tnaqqis tal-possibbiltà ta’ frodi. Se teżamina wkoll il-progress tekniku, pereżempju fir-rigward tal-vetturi u d-diġitalizzazzjoni (il-liċenzji diġitali).
Ekonomija għas-Servizz tan-Nies		
34.	Proposta għal regoli uniformi ta’ arrotondament (Segwitu tar-Rapport dwar l-iżviluppi riċenti rigward il-muniti tal-euro COM (2018) 787 final/2)	Evalwazzjoni tal-użu ta’ muniti ta’ ċenteżmu wieħed u żewġ ċenteżmi tal-euro u tal-possibbiltà li jiġu introdotti regoli komuni ta’ arrotondament. Proposta possibbli tintroduċi regoli komuni ta’ arrotondament biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-użu ta’ muniti ta’ ċenteżmu wieħed u żewġ ċenteżmi tal-euro (leġiżlazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt; l-Artikolu 133 TFUE, Q4 2020)

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
35.	Kontroll tal-Idoneità fuq ir-Rapportar Korporattiv Pubbliku mill-kumpaniji	L-għan ta' dan il-kontroll tal-idoneità huwa li jivvaluta jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-rapportar regolari u pubbliku mill-kumpaniji għadux jissodisfa l-hteġa tal-partijiet ikkonċernati għal informazzjoni dwar l-attivitajiet, il-prestazzjoni, ir-riskji u l-impatti tal-kumpaniji.
36.	Evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ tal-prekursuri tad-droga	Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 dwar il-prekursuri tad-droga se jiġu evalwati fid-dawl tal-objettiv tagħhom, li huwa li titwaqqaf sistema ta' monitoraġġ u kontroll tal-kummerċ tal-prekursuri tad-droga biex tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom mill-katina tal-provvista legali għall-produzzjoni tad-droga illeċita. Apparti dawn iż-żewġ Regolamenti, l-evalwazzjoni se tkopri l-atti assoċjati tagħhom, ir-Regolament Delegat 2015/1011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1013.
37.	Evalwazzjoni tar-Regolament Nru 515/97 dwar għajjuna reċiproka f'materji doganali	Ir-Regolament Nru 515/97 jiżgura l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE. Mir-reviżjoni tar-Regolament Nru 515/97 tal-2015, ġew irreġistrati żviluppi ġodda (bħar-reġim ġdid ta' protezzjoni tad-data, riskji ġodda ta' frodi). L-evalwazzjoni se tivvaluta l-funzjonament ġenerali tar-Regolament Nru 515/97 billi tagħmel użu wkoll minn konsultazzjoni mmirata.
Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja		
38.	Evalwazzjoni tal-pilastru kummerċjali ta' sitt Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni tal-UE mal-pajjiżi EUROMED (it-Tuneżija, il-Marokk, l-Eġittu, il-Ġordan, l-Alġerija u l-Libanu)	Din l-evalwazzjoni tista' tidentifika opportunitajiet biex jiġu standardizzati proċeduri bi tnaqqis potenzjali tal-kostijiet u tal-piż amministrattiv u simplifikazzjoni tal-proċessi. Barra minn hekk, dawn il-benefiċċji potenzjali jistgħu jintużaw fi kwalunkwe negozjar mill-ġdid ta' dan il-ftehim fil-futur jew fin-negozjar tal-ftehimiet ma' pajjiżi oħrajn.
39.	Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-CARIFORUM	Din l-evalwazzjoni tista' tidentifika opportunitajiet biex jiġu standardizzati proċeduri bi tnaqqis potenzjali tal-kostijiet u tal-piż amministrattiv u simplifikazzjoni tal-proċessi. Barra minn hekk, dawn il-benefiċċji potenzjali jistgħu jintużaw fi kwalunkwe negozjar mill-ġdid ta' dan il-ftehim fil-futur jew fin-negozjar tal-ftehimiet ma' pajjiżi oħrajn.
40.	Kummerċ Liberu mit-Torturi	Rieżami tar-Regolament (KE) 2019/125 ("Regolament kontra t-Tortura") dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. Skont l-Artikolu 32 tar-"Regolament kontra t-Tortura", il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni tiegħu sal-31 ta' Lulju 2020 u kull ħames snin minn dak iż-żmien 'il quddiem. Abbażi ta' rapport ta' rieżami li għandu jiġi adottat sa Lulju 2020, il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk għandhiex tiġi proposta xi emenda għar-Regolament. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami u filwaqt li jiġi żgurat li l-merkanzija rilevanti tibqa' soġġetta għal restrizzjonijiet effettivi, jistgħu jitqiesu oqsma potenzjali ta' simplifikazzjoni rigward, pereżempju, obbligi ta' rapportar jew skambju ta' informazzjoni.

Nru	Titolu	Objettiv/potenzjal tas-simplifikazzjoni (spjegazzjoni qasira tal-objettiv REFIT tar-reviżjonijiet, u potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità)
Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew tagħna		
41.	Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1901/2006 dwar il-Pedjatrija u tar-Regolament (KE) Nru 141/2000 dwar il-Prodotti Mediċinali Orfni	Din l-evalwazzjoni se tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istrateġija farmaċewtika futura tal-UE. Abbażi tal-evidenza disponibbli, l-evalwazzjoni tivvaluta l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tar-Regolamenti dwar il-Prodotti Mediċinali Orfni u l-Użu Pedjatriku, kemm separatament kif ukoll flimkien. L-evalwazzjoni tiffoka, fost affarijiet oħra, fuq prodotti li jipprovdu għall-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati u fuq kif intużaw l-inċentivi pprovduti fil-leġiżlazzjoni attwali.
Spinta ġdida għad-Demokrazija Ewropea		
42.	Proposta tal-Kummissjoni għal rieżami tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumaturi	L-evalwazzjoni li għaddejjja tad-Direttiva se tiffoka fuq il-progress li sar, il-kostijiet u l-benefiċċji tagħha. Se tiffoka wkoll fuq jekk l-objettivi u l-għodod oriġinali tad-Direttiva jikkorrispondux għall-ħtiġijiet attwali, fuq monitoraġġ ta' kif id-Direttiva taħdem flimkien ma' biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni u jekk l-intervent tal-UE wassalx għal benefiċċju. Abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni, ir-rieżami se jiżgura informazzjoni għall-konsumatur u fehim aħjar tal-kreditu għall-konsumaturi, u jqis id-diġitalizzazzjoni fil-provvediment ta' dawn il-prodotti. Se jimmira li jipprovdi protezzjoni aħjar għall-konsumaturi minn prattiki ta' self irresponsabbli, partikolarment dawk mifruxa fuq l-internet. (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
43.	Proposta tal-Kummissjoni għal rieżami tad-Direttiva 2002/65/KE dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi	L-evalwazzjoni li għaddejjja se tivvaluta jekk intlaħqux l-objettivi oriġinali, kif qed tiffunzjona d-Direttiva minn perspettivi ta' kostijiet/benefiċċji, tnaqqis tal-piż u simplifikazzjoni, u kif id-Direttiva taħdem flimkien ma' leġiżlazzjoni oħra fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni tad-data. L-analiżi se tivvaluta jekk l-għodod tad-Direttiva jikkorrispondux għall-ħtiġijiet oriġinali u attwali u għall-valur miżjud tal-UE tagħha. Abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni, ir-rieżami se jiżgura fehim aħjar tal-prodotti finanzjarji għall-konsumaturi u jqis id-diġitalizzazzjoni fil-provvediment ta' dawn il-prodotti. Għandu l-għan li jipprovdi protezzjoni aħjar għall-konsumaturi minn prattiki ta' self irresponsabbli, partikolarment dawk mifruxa fuq l-internet. (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)
44.	Reviżjoni tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (Regolament; bażi ġuridika l-Artikolu 114 TFUE)	L-inizjattiva se tindirizza l-kwistjonijiet ta' sigurtà tal-prodotti li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda; tindirizza l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet konkreti dwar il-bejgħ online; taġġorna l-qafas legali ġenerali dwar is-sigurtà tal-prodotti; u fid-dawl tar-Regolament (UE) 2019/1020 il-ġdid dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti, timla l-lakuna eżistenti bejn il-prodotti armonizzati u dawk mhux armonizzati fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq. Ir-reviżjoni ttejjeb ukoll l-effettività tas-sejħa lura ta' prodotti mis-suq u l-kopertura ta' riskji ġodda għas-sigurtà tal-prodotti. Għandha ssaħħaħ is-setgħat ta' infurzar tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontrolli tal-importazzjoni. (leġiżlazzjoni, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Q4 2020)

Anness III: Proposti pendenti prijoritarji³

Nru	Titolu Shih	Referenzi
Patt Ekoloġiku Ewropew		
1.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 biex titqies b'mod xieraq is-sistema globali tal-għbir tad- <i>data</i> għad- <i>data</i> dwar il-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti	COM(2019)38 final 2019/0017 (COD) 04.02.2019
2.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd	COM(2018)368 final 2018/0193 (COD) 30.05.2018
3.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twertiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport	COM(2018)277 final 2018/0138 (COD) 17.05.2018
4.	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi	COM(2017)275 final 2017/0114 (COD) 31.5.2017
5.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 mal-Att ta' Adeżjoni fir-rigward ta' oġġetti koperti minn skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	COM(2015)380 final 2015/0165 (NLE) 28.07.2015
6.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati fit-territorju tagħhom	COM(2015)177 final 2015/0093 (COD) 22.04.2015
7.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm InvestEU	COM(2018)439 final 2018/0229 (COD) 08.06.2018
8.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina); u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013	COM(2018)466 final 2018/0251 (NLE) 13.06.2018

³ Il-proposti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) huma mmarkati bil-griż

Nru	Titolu Shih	Referenzi
9.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013	COM(2018)467 final 2018/0252 (NLE) 13.06.2018
10.	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi	COM(2018)445 final 2018/0235 (NLE) 07.06.2018
11.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013	COM(2018)385 final 2018/0209 (COD) 01.06.2018
12.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	COM(2018)390 final 2018/0210 (COD) 12.06.2018
13.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013	COM(2018)393 final 2018/0217 (COD) 01.06.2018
14.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew	COM(2018)394 final 2018/0218 (COD) 23.04.2018
15.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jittfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	COM(2018)392 final 2018/0216 (COD) 01.06.2018
16.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021	COM(2019)581 final 2019/0254 (COD) 31.10.2019
Ewropa Lesta għall-Era Diġitali		
17.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni)	COM(2017)548 final 2017/0237 (COD) 27.09.2017

Nru	Titolu Shih	Referenzi
18.	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom.	COM(2013)130 final 2013/0072 (COD) 13.03.2013
